**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Angelo Debrincat bin John u Filomena, li joqghod numru 94, Triq Munxar, Munxar, Ghawdex.**
**I.D. no. 66943(G)**

Illum 25 t'April, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-23 ta' Novembru 1999 ghall-habta tas-2.45p.m., waqt li kien fir-raba maghrufa taz-Zaghwi li tinsab fi Triq Zaghwi, Munxar, Ghawdex, minghajr ma darab jew sawwat, (1) hedded lil Michael Bajada b'oggett iebes (mingel) bi ksur ta l-Artikolu 339(b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll talli hebb ghal-istess Michael Bajada sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara (Artikolu 339(b) tal-Kap. 9), (3) kif ukoll talli bi hsara ta' sid ir-raba 'Taz-Zghawi' fuq imsemmija, cioe bi hsara ta' Eugene Bajada ghamel vjolazzjoni ohra kontra propjeta ta' l-istess Eugene Bajada (Artikolu 340 (d) Kap. 9 u (4) fl-ahhar nett talli ngurja u hedded lill-imsemmija Michael u Eugene Bajada bi kliem mhux xieraq Artikolu 339 (e) Kap. 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 u l-Artikolu 384 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-provi;

Wara li qieset bir-reqqa l-provi migjuba, issib lill-imputat hati.

Rat l-Artikolu 339 (c) (d) u (e), 340 (d) tal-Kap. 9.

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda komplessiva ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Tobbligah ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Michael Bajada u Eugene Bajada fuq penali ta' sittin lira Maltin (Lm60) multa fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur